32002D0678

27.8.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 229/33

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-22 t'Awissu ta' l-2002
## li temenda d-Deċiżjoni Nru 2002/79/KE li timponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni tal-karawett u ċerti prodotti derivati mill-karawett oriġinarji ġo jew mibgħuta miċ-Ċina notifikata ġod-dokument

*(numru K(2002) 3108)*

**(Test b'relevanza għall-FEE)**

(2002/678/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/43/KEE ta' l-14 ta' Ġunju ta' l-1993 dwar l-iġene ta' l-affrarijiet ta' l-ikel. ([1]), u partikolarment fl-Artikolu 10(1) tiegħhu

Wara li kkonsulta l-Istati Membri,

billi:

(1) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/79/KE ([2]), kif ġie emendat mid-Deċiżjoni 2002/233/KE ([3]), jipprovdi reviżjoni tad-Deċiżjoni qabel l-1 ta' Mejju ta' l-2002 biex tassessja jekk il-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti f'dik id-deċiżjoni jipprovdux livell suffiċjenti ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika ġol-Komunità u jekk hemmx bżonn kontinwu ta' kampjun w analiżi ta' kull kunsinna mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru illi jimporta.

(2) Ir-riżultati tal-kampjun u l-analiżi ta' kull kunsinna ta' karawett illi joriġina fi jew ikkunsinnat miċ-Ċina juri li m'hemmx iktar bżonn tal-kampjun u l-analiżi ta' kull kunsinna mill-awtorità kompetenti ta' l-importazzjoni ta' l-Istat Membru u li kampjun u analiżi fortuwiti għandhom jipprovdu livell suufiċjenti ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika ġol-Komunità.

(3) Biex jassigura li l-kampjun fortuwitu u l-analiżi tal-kunsinna tal-karawett u ċerti prodotti derivati mill-karawett li joriġinaw jew jiġu ikkunsinnati miċ-Ċina huma għaddejjin b'mod armonizzanti ġol-Komunità kollha, huwa għalhekk xieraq illi tiġi fissata frekwenza approssimativa għall-kampjun w analiżi fortuwiti.

(4) Hemm bżonn li l-lista tiġi aġġornata bil-lista ta' punti tad-dħul għal Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Awstrija, l-Irlanda u l-Isvezja li minnhom il-prodotti kkonċernati mid-Deċiżjoni 2002/79/KE jistgħu jiġu mportati.

(5) Deċiżjoni Nru 2002/79/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond din id-deċiżjoni,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Deċiżjoni Nru 2002/79/KE hija emendata bħal li ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

   (a) Is-sentenza li ġejja hija miżjuda għall-paragrafu 3:

   "Kull basket/pakkett individwali (jew forma oħra ta' l-ippakkjar) tal-kunsinna għandha tiġi identifikata mal-kodiċi. Din il-kondizzjoni mitluba għandha tkun applikabbli mal-konsenji, li ħallew iċ-Ċina wara l-1 ta' Settembru ta' l-2002."

   (b) Paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "5. L-Istati Membri għandhom jieħdu kampjun fortuwitu u analiżi ta' konsenji tal-karawett li joriġinaw fi jew li ġew kunsinnati miċ-Ċina għal *aflatoxin* B1u total ta' *afloxin* qabel ma ġie maħruġ fis-suq mill-punt tad-dħul ġol-Komunità u għandhom jinformaw il-Kummissjoni dwar ir-riżultati."

   (ċ) Il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

   "6. Il-kampjun fortuwitu u l-analiżi referuta għaliha fil-paragrafu 5 għandha tiġi mitmuma b'madwar 10 % tal-kunsinna tal-prodotti għal kull kategorija tal-prodotti referuti għalihom fil-paragrafu 1.

   Kull kunsinna, li hija suġġetta għall-kampjun u analiżi, għandhom jiġu miżmuma qabel ma jiġu maħruġa fis-suq mill-punt tad-dħul ġol-Komunità għall-massimu ta' 10 t-ijiem ta' matul il-ġimgħa. F'dan l-event, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom juru dokument uffiċjali mehmuż li jistabbilixxi illi il-kunsinna ġiet suġġetta għal kampjun u analiżi uffiċjali u illi jindika r-riżultat ta' l-analiżi."

2. L-Artikolu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "*Artikolu 2*

   Din id-Deċiżjoni għandha tiġi miżmuma taħt reviżjoni fid-dawl ta' l-informazzjoni u garanziji provvduti mill-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċina u fuq il-bażi tar-riżultati tat-testijiet miżmuma mill-Istati Membri.

   Din id-deċiżjoni għandha tiġi reveduta sal-31 ta' Diċembru ta' l-2002 l-aktar tard, sabiex tintlaħaq stima dwar jekk il-kondizzjonijiet speċjali, referuti għalihom fl-Artikolu 1, jipprovdu livell suffiċjenti ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika ġol-Komunità. Ir-reviżjoni għandha wkoll tassessja jekk hemmx bżonn kontinwu għall-kondizzjonijiet speċjali."

3. Annes II ġie mibdul mit-test fl-Anness ta' din id-deċiżjoni.

([1]) ĠU L 175, 19.07.1993, p. 1.
([2]) ĠU L 34, 05.02.2002, p. 21.
([3]) ĠU L 78, 21.03.2002, p. 14.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 22 t'Awissu ta' l-2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNES II*

**Lista ta' punti tad-dħul illi minnha il-karawett u prodotti derivati mill-karawett illi joriġina fi jew ikkunsinnat miċ-Ċina jistà jiġi mportat ġol-Komunità.**

| L-Istati Membri | Punt tad-dħul |
|---|---|
| Belgique-Belġju | Antwerpen, Zeebrugge, Brussel/Bruxelles, Aalst |
| Danimarka | Il-portijiet u ajruporti kollha daniżi u stazzjonijiet tal-fruntieri kollha. |
| Ġermanja | HZA Lörrach — ZA Weil-am-Rhein-Autobahn, HZA Stuttgart — ZA Flughafen, HZA München — ZA München-Flughafen, HZA Hof — Schirnding-Landstraße, HZA Weiden — ZA Furth-im-Wald-Schafberg, HZA Weiden — ZA Waidhaus-Autobahn, Bezirksamt Rei-nickendorf von Berlin, Abteilung Finanzen, Wirtschaft und Kultur, Veterinär-und Lebens-mittelaufsichtsamt, Grenzkontrollstelle, HZA Frankfurt (Oder) — ZA Autobahn, HZA Cottbus — ZA Forst-Autobahn, HZA Bremen — ZA Neustädter Hafen, HZA Bremen — ZA Bremerhaven, HZA Hamburg-Hafen — ZA Waltershof, HZA Hamburg-Stadt, HZA Itzehoe — ZA Hamburg-Flughafen, HZA Frankfurt-am-Main-Flughafen, HZA Braunsch-weig-Abfertigungsstelle, HZA Hannover — Abfertigungsstelle, HZA Lüneburg — ZA Stade, HZA Dresden — ZA Dresden-Friedrichstadt, HZA Pirna — ZA Altenberg, HZA Löbau — Zollamt Ludwigsdorf-Autobahn, HZA Itzehoe — ZA Pinneberg, HZA Koblenz — ZA Hahn-Flughafen, HZA Oldenburg — ZA Wilhelmshaven, HZA Bielefeld — ZA Eckendorfer Straße Bielefeld, HZA Erfurt — ZA Eisenach, HZA Potsdam — ZA Ludwigs-felde, HZA Potsdam — ZA Berlin-Flughafen-Schönefeld, HZA Augsburg — ZA Memmingen, HZA Ulm — ZA Ulm (Donautal), HZA Karlsruhe — ZA Karlsruhe, HZA Berlin — ZA Dreilinden, HZA Gießen — ZA Gießen, HZA Gießen — ZA Marburg |
| Greċja | Athina, Pireas, Elefsis, Aerodromio ton Athinon, Thessaloniki, Volos, Patra, Iraklion tis Kritis, Aerodromio tis Kritis, Euzoni, Idomeni, Ormenio, Kipi, Kakavia, Niki, Promahonas, Pithio, Igoumenitsa, Kristalopigi |
| Spanja | Algeciras (Puerto), Alicante (Aeropuerto, Puerto), Almería (Aeropuerto, Puerto), Asturias (Aeropuerto), Barcelona (Aeropuerto, Puerto, Ferrocarril), Bilbao (Aeropuerto, Puerto), Cádiz (Puerto), Cartagena (Puerto), Castellón (Puerto), Ceuta (Puerto), Gijón (Puerto), Huelva (Puerto), Irún (Carretera), A Coruña (Puerto), La Junquera (Carretera) Las Palmas de Gran Canaria (Aeropuerto, Puerto), Madrid (Aeropuerto, Ferrocarril), Málaga (Aeropuerto, Puerto), Marín (Puerto), Melilla (Puerto), Murcia (Ferrocarril), Palma de Mallorca (Aero-puerto, Puerto), Pasajes (Puerto), San Sebastián (Aeropuerto), Santa Cruz de Tenerife (Puerto), Santander (Aeropuerto, Puerto), Santiago de Compostela (Aeropuerto), Sevilla (Aeropuerto, Puerto), Tarragona (Puerto), Tenerife Norte (Aeropuerto), Tenerife Sur (Aero-puerto), Valencía (Aeropuerto, Puerto), Vigo (Aeropuerto, Puerto), Villagarcía (Puerto), Vitoria (Aeropuerto), Zaragoza (Aeropuerto) |
| Franza | Marseille (Bouches-du-Rhône), Le Havre (Seine-Maritime), Rungis MIN (Val-de-Marne), Lyon Chassieu CRD (Rhône), Strasbourg CRD (Bas-Rhin), Lille CRD (Nord), Saint-Nazaire Montoir CRD (Loire-Atlantique), Agen (lott-et-Garonne), Port de la Pointe des Galets à la Réunion |
| L-Irlanda | Dublin — Portand Airport,<br>Cork — Portand Airport,<br>Shannon — Ajruport |
| Italia | Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Ancona<br>Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Bari<br>Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Genova<br>Ufficio Sanità Marittima di Livorno<br>Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Napoli<br>Ufficio Sanità Marittima di Ravenna<br>Ufficio Sanità Marittima di Salerno<br>Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Trieste<br>Dogana di Fernetti-Interporto Monrupino (Trieste)<br>Ufficio di Sanità Marittima di La Spezia<br>Ufficio di Sanità Marittima e Aerea di Venezia<br>Ufficio di Sanità Marittima e Aerea di Reggio Calabria |

| L-Istati Membri | Punt tad-dhul |
|---|---|
| Il-Lussemburgu | Icentre douanier, Croix de Gasperich, il-Lussemburgu |
| L-Olanda | Il-portijiet u l-ajruporti kollha u l-istazzjonijiet tal-fruntieri kollha |
| Austria | HZA Feldkirch, HZA Graz, Nickelsdorf, Spielfeld, HZA Wien, ZA Wels, ZA Kledering, ZA Flughafen Wien, HZA Salzburg, ZA Klingenbach/Zweigstelle Sopron, ZA Karawanken-tunnel, ZA Villach |
| Il-Portugall | Lisboa, Leixões, Lisbona |
| Suomi-il-Finlandja | L-Uffiċji Doganali Fillandiżi kollha |
| Svezja | Göteborg, Ystad, Stockholm, Helsingborg, Karlskrona, Karlsham, Landvetter, Arlanda |
| Ir-Renju Unit | Belfast, Channel Tunnel Terminal, Dover, Felixstowe, Gatwick Airport, Goole Grangemouth, Harwich, Heathrow Airport, Heysham, Hull, Immingham, Ipswich, King's Lynn, Leith, Liverpool, London (including Tilbury, Thamesport and Sheerness), Manchester Airport, Manchester Container Port, Manchester (li jinkludi Ellesmere Port), Medway, Middlesborough, Newhaven, Poole, Shoreham, Southampton, Stansted Airport" |